MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 174/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pius Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Pius Galea, karta ta' l-identita` numru 249660(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe` f'barriera bin-numru 4 li tinsab "Tal-Palma", limiti ta' l-Imġarr (Malta) nhar-il 24 ta' Frar 2011 għall-ħabta ta' l-16:15:

(1) Ħebb mingħajr ma darab għal ommu Grazia Galea u wkoll għal ħuh Joseph Galea b'oġġett iebes (ġebel);

(2) fl-imsemmija data, lok, ħin u ċirkostanzi hedded lil ommu Grazia Galea u lil ħuh Joseph Galea bi kliem;

(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi wkoll fil-jiem li għaddew eżerċita jedd li jippretendi li għandu abbużivament u ilegalment ma halliex lil ommu Grazia Galea u lil ħuh Joseph Galea jidħlu fil-barriera nru. 4 li tinsab "Tal-Palma", limiti ta' l-Imġarr u li b'hekk ċaħħadhom mill-aċċess mill-imsemmija barriera li tagħmel parti mill-proprjeta` tagħhom u li tappartjeni anke lilu.

Il-Qorti ġiet mitluiba li jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` ta' Grazia Galea u Joseph Galea jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok ill-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imsemmi Pius Galea b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffisata mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-18 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 85, 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Pius Galea hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500);

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Pius Galea ppreżentat fit-23 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Joseph Galea; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma brevement is-segwenti: (1) li l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet hi preskritta; (2) li l-perit tekniku ma ngħatax il-fakolta` li jisma' x-xhieda bil-ġurament; (3) li l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għal ħtija dwar it-tielet imputazzjoni.

**6.** L-ewwelnett, kwantu għat-tieni aggravju, dan ġie rtirat fis-seduta tallum stess u għalhekk din il-Qorti mhijiex qed tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**7.** Kwantu għat-tielet aggravju, Joseph Galea, ħu l-appellant, ma kellu xejn xi jgħid fir-rigward. Anzi stqarr li kwantu għall-proprjeta` sar il-qsim kollu neċessarju qabel il-mewt tal-mama` tagħhom Grazia Galea li kienet waħda mill-kwerelanti fil-każ odjern. Grazia Galea kienet xehdet quddiem il-perit tekniku dwar l-akkadut iżda mhuwiex ċar minn dik ix-xiehda jekk hi u binha kinux diġa` daħlu fil-barriera, għax fil-fatt fl-istess xiehda hija tgħid illi dakinhar lil binha Joseph "niżżiltu biex nurieh fejn hi l-parti tiegħu". Għalhekk it-tielet aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**8.** Kwantu għall-ewwel aggravju, dak li l-azzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel żewġ imputazzjonijiet hi preskritta, jingħad l-ewwelnett illi dawn l-imputazzjonijiet huma ta’ natura kontravvenzjonali preskrivibbli bid-dekorriment ta’ tliet xhur (artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta). L-inċident allegatament seħħ fl-24 ta’ Frar 2011. Fl-10 ta’ Mejju 2011 sar verbal mill-ewwel Qorti li tgħid: “Ġiet preżentata riferta negattiva ta’ l-imputat”. Effettivament, eżami akkurat tar-riferta juri illi fil-parti li tikkontjeni d-dikjarazzjoni mill-Pulizija dwar min ġie notifikat hemm miktub “No reply”. Il-każ ġie differit għall-15 ta’ Lulju 2011 meta deher l-appellant (allura imputat) debitament assistit u nqraw l-imputazzjonijiet lill-appellant li wieġeb li ma kienx ħati. Bejn l-24 ta’ Frar 2011 u l-15 ta’ Lulju 2011 iddekorrew aktar minn tliet xhur. Barra minn hekk il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li turi li l-perijodu preskrittiv ġie b’xi mod interrott bejn is-seduta ta’ l-10 ta’ Mejju 2011 u dik tal-15 ta’ Lulju 2011. Konsegwentement din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddikjara l-ewwel żewġ imputazzjonijiet preskritti.

**9.** Għal kull bwon fini jingħad illi fis-seduta tallum l-appellant obbliga ruħu li ma jimmolestax u ma jkellimx lil ħuh Joseph Galea u l-familja tiegħu b’ebda mod. Din il-Qorti għal kull bwon fini twissi lill-appellant biex josserva din l-obbligazzjoni minnu assunta volontarjament.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet preskritti u għalhekk tilliberah minnhom, tiddikjara lill-appellant mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u għalhekk tilliberah minn dik l-imputazzjoni wkoll, u b’hekk tilliberah ukoll minn kull piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------